**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**

**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**

Maria Tanti *et*

*versus*

Emanuel A. Bonello *noe*

## Depożitu Bankarju

*L-attur aġixxa biex jiġi ddikjarat u deċiż illi d-depożitu li kien għamel kien passiv tal-Bank konvenut u li għalhekk kellu jiġi kkundannat iħallas dan l-ammont. L-allura Qorti tal-Kummerċ kienet laqgħet it-talba fil-konfront tal-Bank konvenut.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkundannat lill-konvenuti* proprio in solidum *mal-Bank konvenut.*

Il-Qorti:-

B'ċitazzjoni ppreżentata fil-Qorti tal-Kummerċ l-atturi ppremettew:

"Illi l-attriċi Maria Tanti u żewġha Moses Tanti, illum mejjet u missier l-atturi l-oħra Joseph Tanti u Victoria Farrugia, kienu ddepożitaw għand il-*Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited* u l-uffiċini ta' l-istess Bank is-somma ta' sebat elef, sitt mija u disa' u ħamsin lira Maltija (Lm7,659) u ngħataw ċedola li kellha tagħlaq fit-30 ta' Jannar, 1973, bl-imgħax tat-tmienja fil-mija (8%);

Illi in segwitu dina ċ-ċedola kienet ġiet irtirata mill-Bank u

minflok irrilaxxja a favur tad-depożitanti ċ-ċekk numru PB 00808 fl-istess somma ta' Lm7,659 u pagabbli fl-istess data tat-30 ta' Jannar, 1973, kif jidher mill-kopja ta' dan iċ-ċekk hawn annessa u mmarkata dokument A;

Illi dan id-depożitu flimkien ma' l-imgħax relattiv huwa passiv ta' l-imsemmi Bank a favur ta' l-atturi;

Illi l-konvenut *nomine* kkontesta li dan huwa passiv tal-Bank konvenut;

Illi l-atturi għalhekk talbu lill-Qorti għal raġunijiet premessi biex:

Tiddikjara li l-imsemmi depożitu ta' Lm7,659 u l-imgħax relattiv huwa passiv jew aħjar debitu tal-Bank konvenut lejn l-atturi;

Tikkundanna lill-konvenut *nomine* jħallas lill-atturi s-somma ta' Lm7,659 dovuta lilhom skond id-dokument A bħala flus iddepożitati kif fuq ingħad;

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mit-30 ta' Jannar, 1973, kontra l-konvenut *nomine*;

Il-konvenut Emanuel A. Bonello *nomine* eċċepixxa:

"Illi d-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż stante illi l-ammont reklamat mhux passiv mal-Bank u li ġara huwa li d-direttur tal-Bank għamel in-negozju ma' l-atturi biss u mhux f'isem il-*Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited.* Infatti, inħareġ iċ-ċekk imsemmi fiċ-ċitazzjoni u għalhekk il-kreditu huwa

passiv biss ma' Cecil Pace u/jew Henry Pace li nnegozjaw ma' l-attur biss fil-kwalità tagħhom personali;

Għalhekk Cecil Pace għandu jiġi kkjamat in kawża";

Illi bin-nota ta' eċċezzjonijiet tagħhom il-kjamati in kawża Cecil Pace u Henry Pace eċċepew:

"Għandu l-ewwel jiġi ppruvat mill-atturi min huma l-uniċi eredi veri u proprji ta' Moses Tanti;

Il-preskrizzjoni kwinkwennali għat-termini tal-paragrafi (d), (e) u (f) ta' l-artikolu 2158 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) u ta' l-artikolu 542 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13);

Illi fil-konfront ta' l-atturi, huma m'għandhomx ir-rappreżentanza ġuridika tal-*Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited* li hija vestita fil-kontrollur Emanuel A. Bonello;

Illi, mingħajr preġudizzju, is-self *in kwistjoni kien* transazzjoni personali bejn l-awtur ta' l-atturi u l-konvenuti *personalment, jew min minnhom, kif jidher ukoll ċar miċ-ċekk* personali esebit maċ-ċitazzjoni u għalhekk dan id-debitu mhuwiex passiv tal-*Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited*;

Sussidjarjament u bla preġudizzju għall-premess hemm difetti serji fil-forma tat-talbiet attriċi li rrenduhom insostenibbli u/jew nulli u mingħajr effett skond il-liġi u ma jistgħux jiġu proposti validament kontra l-konvenuti f'din il-kawża bil-mod kif proposti;

Illi t-talbiet attriċi kontra l-konvenuti ma jistgħu qatt jiġu milqugħa fuq il-premessi dedotti fiċ-ċitazzjoni u huma neqsin mill-premessi meħtieġa fil-liġi;

Illi l-eċċipjenti għandhom jiġu lliberati peress illi t-talbiet attriċi ma jreġgħux fir-rigward tagħhom;

Illi fi kwalunkwe każ it-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi l-awtur ta' l-atturi stess ried li ssir transazzjoni personali u mhux *tal-Bank*;

Illi jekk passiv personali ta' l-eċċipjenti jiġi ddikjarat bħala passiv tal-Bank meta fil-fatt la huwa passiv tal-Bank u l-flus ma ġewx iddepożitati mal-Bank dan ikun ta' preġudizzju enormi għad-depożitanti kollha tal-Bank billi fir-*ranking of creditors* l-ewwel għandhom jitħallsu d-depożitanti tal-Bank imbagħad jitħallsu minn dak li jifdal il-kredituri personali ta' l-eċċipjenti skond il-liġi;

Illi kif kien jaf ben tajjeb l-awtur ta' l-atturi l-ebda Bank ma kien jagħti mgħax bir-rata ta' 8% fis-sena jew għola minn dik permess skond il-liġi bankarja;

Salvi eċċezzjonijiet oħra";

Illi b'sentenza tas-7 ta' Ottubru, 1994, il-Qorti tal-Kummerċ iddeċidiet il-kawża billi laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront biss tal-konvenut Emanuel A. Bonello *nomine* bl-imgħaxijiet mitluba filwaqt li l-ispejjeż għandhom jiġu ssopportati kwantu għal terz mill-atturi, terz mill-konvenut Bonello *nomine* u terz mill-kjamati in kawża;

Illi l-kjamati in kawża ħassew ruħhom aggravati b'din is-sentenza u nterponew appell minnha quddiem dina l-Qorti fuq l-aggravji segwenti:

"*Illi fl-ewwel lok huma ma jistgħux jaqblu* mas-sentenza tas-7 ta' Ottubru, 1994, fejn iddikjarat illi:

"*Il-provi prodotti fil-każ odjern iżjed itendu* favur it-teżi ta' l-atturi";

Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li d-debitu għandu jiġi ddikjarat passiv tal-Bank konvenut nonostante li d-dokumentazzjoni turi mod ieħor u huwa probabbli li l-mejjet Moses Tanti kien, fiċ-ċirkostanza, indott mill-konvenut Cecil Pace jaħseb *li ċ-ċekk kien dokument li bih* huwa baqa' kreditur tal-bank";

*In* vista tal-konklużjoni *li* waslet għaliha *l-Qorti*, ma hemmx lok li jiġu kkunsidrati l-eċċezzjonijiet tal-kjamati in kawża;

Il-kjamati in kawża huma responsabbli in parte, jekk mhux għal kollox, għall-posizzjoni nċerta ta' l-attur li rrikjediet li tiġi *adita l-Qorti għas-soluzzjoni tal-vertenza;*

Għalhekk ikun ġust li fiċ-ċirkostanzi, kull parti tbati terz *mill-ispejjeż*";

Illi l-appellanti Pace preliminarjament *jissottomettu* umilment li anke jekk stess, *dato ma non concesso*, li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha korrettement jew meno, ġà la darba li kien hemm it-talba għall-kjamati in kawża ta' l-esponenti li sussegwentement issottomettew l-eċċezzjonijiet

tagħhom, l-Ewwel Qorti, bir-rispett kollu, ma setgħatx tiddikjara li ma hemmx lok li jiġu kkunsidrati l-eċċezzjonijiet tagħhom għaliex b'hekk mhux biss is-sottomissjonijiet tagħhom l-anqas biss ġew ikkunsidrati iżda l-eċċezzjonijiet tagħhom ukoll lanqas ġew deċiżi u b'hekk l-Ewwel Qorti ħalliet *an unfinished symphony* fil-konfront tagħhom;

Illi għar-rigward il-kap ta' l-ispejjeż, billi l-Ewwel Qorti *lanqas biss ikkunsidrat jew iddeċidiet l-eċċezzjonijiet tal-*kjamati in kawża, l-appellanti Pace jissottomettu bir-rispett li għalhekk mhux ġust li huma għandhom ibatu terz mill-ispejjeż huma ukoll;

Illi fil-meritu tal-kawża anke l-Ewwel Qorti stess ikkonfermat;

"Li d-dokument (li fuqu qed jibbażaw l-azzjoni tagħhom l-atturi) huma ċekk personali tal-kjamati in kawża u *ut sic* mhux *debitu tal-Bank konvenut" u li "rriżulta ukoll mix-xhieda tal-*konvenut Emanuel A. Bonello *nomine* li mir-riċerki li huwa għamel fil-kotba tal-Bank konvenut l-ammont pretiż mill-atturi mhux passiv tal-bank";

Illi ġaladarba l-partijiet f'din it-transazzjoni ftehmu bejniethom biex Moses Tanti jagħti self personali lill-kjamati in kawża huwa għal kollox irrilevanti jekk stess li l-kjamati in kawża kienu ukoll id-diretturi tal-Bank konvenut, li l-operazzjoni saret fl-edifiċċju tal-Bank u li l-flus kienu provenjent minn somma aktar li kienet oriġinarjament ġiet iddepożitata mal-Bank *de quo*;

Fl-ewwel lok il-fatt li persuna tkun ukoll direttur ta' Bank ma jfissirx li ma jistax jagħmel transazzjoni personali;

Fit-tieni lok il-fatt li l-operazzjoni saret fl-edifiċċju tal-Bank ma jeskludix l-possibbilità li l-partijiet ftehmu u fil-fatt għamlu transazzjoni personali bejniethom;

Mill-provi rriżulta li l-kjamati in kawża kienu negozjanti li kellhom diversi intrapriżi u kumpanniji u kienu ukoll diretturi tal-bank;

L-uffiċċju tagħhom fl-edifiċċju tal-Bank ma kienx jintuża biss għax-xogħol tal-bank, anzi billi kien effettivament qed jiġi mmexxi u amministrat minn żewġ *general managers* professjonisti u kkwalifikati fil-materja ta' *banking*, il-kjamati in kawża kienu jamministraw u jmexxu n-negozju personali tagħhom kif ukoll id-diversi ntrapriżi personali tagħhom mill-uffiċċju tagħhom fil-Bank fejn kellhom ukoll impjegati tagħhom personali li ma kinux *staff members* tal-bank;

Meta Moses Tanti oriġinarjament mar il-Bank biex jagħmel l-ewwel depożitu kien la tkellem ma' Cecil Pace u lanqas ma mar ifittxu iżda mar fuq il-*counter* tal-Bank għand il-kaxxier tal-Bank bħal kwalsiasi transazzjoni ordinarja bankarja oħra mal-Bank;

Kien biss meta Moses Tanti ried jottjeni rata ta' mgħax ferm għola minn dik li l-banek setgħu jagħtu, li Moses Tanti mar ifittex u kellem lill-kjamati in kawża Cecil Pace;

L-intervent ta' Dottor Emanuel Bonnici skond ix-xhieda ta' l-attriċi Maria Tanti stess saret "sabiex ilaqqgħu ma' Sur Cecil Pace, ħalli jitkellem dwar id-depożitu li kellna (ġà) l-bank";

Fit-tielet lok mill-provi rriżulta ukoll li effettivament Moses Tanti kien ġieb il-flus li kellu ddepożitati fil-Bank u billi

ried jottjeni rata ta' mgħax bankarja, sarraf id-depożitu tiegħu fi flus kontanti u ta' *cash* lil Cecil Pace direttament biex jagħmel self personali miegħu;

Tant kien jafu dan Moses Tanti li attwalment it-transazzjoni kien għamilha mal-kjamati in kawża u mhux mal-Bank li huwa stess, sakemm baqa' ħaj ma ħassx li għandu jfittex lill-Bank u jiddikjara hu solennement bil-ġurament quddiem kulħadd li l-intenzjoni tiegħu kienet li jagħmel transazzjoni mal-Bank meta fil-fatt hu stess ried jottjeni mgħax għola u għalhekk eventwalment għamel negozju personali mal-kjamati in kawża direttament;

Ma hemm ebda ġustifikazzjoni il-għala l-atturi f'din il-kawża stennew għoxrin sena biex jistitwixxu dawn il-proċeduri kontra l-Bank meta huma stess ukoll kienu jafu li eventwalment it-transazzjoni ma kinitx aktar mal-Bank u dawk li kellhom depożitu mal-Bank irċevew żewġ pagamenti akkont madwar tnax-il sena ilu;

*Mix-xhieda ta' Maria Tanti stess irriżulta biċ-ċar illi* żewġha Moses Tanti stess kellu l-ħsieb li jbiddel ir-relazzjoni li kellu mal-Bank u jidħol minflok fi transazzjoni personali mal-kjamati in kawża u Dottor Emanuel Bonnici kien irrakkomanda lis-Sur Tanti ma' Cecil Pace biex huwa personalment jaqdih tajjeb;

Il-verità x'aktarx hi li żmien wara li miet Moses Tanti, meta l-atturi xtaqu li jirċievu huma ukoll xi flus akkont, u semgħu li preżentament l-uniku mod (li sfortunatament għal raġunijiet mhux imputabbli lill-kjamati in kawża u li fuqhom ma kellhom ebda kontroll) kien li jfittxu l-Bank biex jippruvaw jagħtu l-impressjoni li huma kellhom jitħallsu mill-Bank billi taw x'tifhem fix-xhieda tagħhom li l-mejjet Moses Tanti kellu l-

intenzjoni li jkollu x'jaqsam mal-Bank u mhux mal-kjamati in kawża personalment;

Infatti, fil-mori tal-kawża wieħed mill-atturi Joseph Tanti darba minnhom kellem lil kjamat in kawża Cecil Pace u talbu biex jekk jista' jkun jixhed li l-ammont kien dovut mill-Bank billi l-kontrollur konvenut Bonello kien qal lill-atturi li l-uniku possibbilità li kellhom li jirċievu flus mill-Bank kien billi jfittxu l-Bank u jippruvaw juru li l-intenzjoni kienet biex isir depożitu mal-Bank u mhux self personali lill-kjamat in kawża;

Illi kuntrarjament għal dak li xehdet l-attriċi Maria Tanti, Victor Grech qatt ma kien impjegat mal-bank, iżda kien jaħdem f'kumpannija oħra tal-kjamat in kawża f'uffiċċju ieħor tagħhom fi Triq Żakkarija, il-Belt xi mitt metru l-bogħod mill-Bank fl-istess triq u dana Victor Grech kien jieħu ħsieb il-flus li kienu jiġu mislufa min-nies direttament mal-*Universal Investment Company Limited* u kumpanniji oħra fosthom il-*Western Credit Limited* billi dawn il-kumpanniji u x-xogħol tagħhom ta' finanzjarjament kien ilu jsir ħafna snin qabel u wara li nfetaħ il-bank;

Dak iż-żmien, kuntrarjament għal dak li xehed Joseph Tanti, mhu veru xejn li kien jeżisti speċi ta' *instant income deposit account*. Anzi ċ-ċekk li kellu Moses Tanti kien *post-dated* u mhux biss ma setax jissarraf meta jrid iżda l-flus setgħu jinġibdu bl-imgħax fid-data taċ-ċekk jew wara;

Infatti hemm kontradizzjonijiet fix-xhieda ta' l-attur Joseph Tanti stess, billi min-naħa waħda qal li Moses Tanti kien talab lil Cecil Pace jagħmillu l-flus tali mod li jkun jista' u jiġbidhom meta jrid (ara paġna 13 tas-sentenza) u għamillu għalhekk *instant income deposit account*, mentri aktar tard qal lil Cecil Pace issuġġerilu li jagħmillu ċekk li jimmatura f'data li

*jkun hemm fiċ-ċekk u li jkun jinkludi l-imgħaxijiet sa dik id-data*" u Joseph Tanti xehed ukoll li "il-papà tiegħi aċċetta dina l-proposta";

Illi Joseph Tanti xehed li sar jaf lil Henry u Cecil Pace għax kien laqagħhom magħhom *Victor Grech u "ħajjar lil* missieri jinvesti xi ħaġa mal-Bank li f'dak iż-żminijiet kien għadu proprjament fil-bidu tiegħu". Dan kien għal ħabta ta' 1962. *Aktar tard u ċjoè fl-1972 Joseph Tanti xehed:* "meta l-papà tiegħi għamel il-ftehim ma' Cecil Pace jien kont preżenti". Fl-epoka in kwistjoni jiena kelli xi dsatax jew għoxrin sena". Għalhekk fl-1962 Joseph Tanti kellu xi għaxar snin. Għal depożitu bankarju ma kienx ikun hemm bżonn tant diskussjoni u negozjati bħal fil-każ ta' self;

Minn dan kollu jidher ċar illi x-xhieda ta' Joseph Tanti illi "l-papà *tiegħi ma kienx jaf jagħmel distinzjoni bejn operazzjoni* bankarja u oħra. Għalih il-papà tiegħi l-operazzjoni li għamel mal-Bank kienet depożitu mal-bank", hija għal kollox inattendibbli;

*Illi minn imkien ma rriżulta sodisfaċentement li Moses* Tanti kien jaħseb li flusu kienu ddepożitati mal-Bank u li ċ-ċekk kien maħruġ mid-diretturi tal-Bank. Li kien veru hekk, Moses Tanti kien ifittex il-Bank mill-bidunett, kif għamel ħaddieħor meta għalaq il-Bank fl-1972 u ma kienx jistenna għoxrin sena u jħalli lill-eredi tiegħu ifittxu l-Bank wara mewtu;

Illi mill-aħħar paragrafu tax-xhieda ta' Dottor Emanuel Bonnici *jikkonferma biċ-ċar li Moses Tanti kien effettivament* ried u fil-fatt għamel transazzjoni personali ma' Cecil Pace u mhux mal-Bank meta qal "għandi mpressjoni qawwija li wara l-għeluq tal-Biċal, jiena kont mort mas-Sur Tanti għand is-Sur Cecil Pace biex niddiskutu miegħu kif is-Sur Tanti kien sejjer

jitħallas";

Ix-xhud Dottor Emanuel Bonnici bħala membru parlamentari ċertament kien jaf li ma' l-għeluq tal-Bical inħatar kontrollur biex jamministra l-Bank u li d-depożitanti tal-Bank kienu kollha ġew mitluba biex jirrikorru għand il-kontrollur tal-Bank billi huwa ngħata r-rappreżentanza ġuridika ta' l-istess Bank u dan intqal anke fi *statements* ministerjali fl-istess kamra tar-rappreżentanti. Dottor Emanuel Bonnici bħala avukat stabbilit u ben not ċertament kien jieħu lis-Sur Tanti għand il-kontrollur u mhux ikellem lil Cecil Pace personalment biex jiddiskuti kif is-Sur Tanti kien sejjer jitħallas;

Inoltre li kieku Dottor Bonnici persważ li Moses Tanti kellu flusu mill-Bank u mhux ma' Cecil Pace personalment, bla dubbju Dottor Bonnici kien iħajjar lil Moses Tanti biex jistitwixxi mill-aktar fis proċeduri kontra l-Bank biex jitħallas kif għamel ħaddieħor dak iż-żmien";

Għaldaqstant l-appellanti Pace talbu li dina l-Qorti jogħġobha tikkunsidra l-eċċezzjonijiet ta' l-esponenti kjamati in kawża u tiddeċidi t-talbiet attriċi fil-konfront tagħhom kif ukoll tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ billi tiċħad it-talbiet attriċi u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-kjamati in kawża bl-ispejjeż kontra l-atturi;

L-atturi wieġbu li:

Preliminarjament, il-garanti offert mill-kjamati fil-kawża appellanti Henry u Cecil Pace huwa inidoneu u salv id-depożitu neċessarju biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' dan l-appell l-istess għandu jiġi kkunsidrat bħala deżert;

Preliminarjament ukoll, in-nullità ta' l-appell tal-kjamati

fil-kawża appellanti; huwa null in kwantu dan *jolqot lil Emanuel* A. Bonello *nomine*, il-Bank konvenut, li ma ntavolax appell u għalhekk *is-sentenza ta'* l-Ewwel Qorti tal-Kummerċ illum għaddiet in ġudikat fil-konfront tal-konvenut *nomine* u huwa null ukoll in kwantu dan jolqot lill-kjamati fil-kawża li skond il-liġi kellhom jillimitaw l-appell tagħhom għall-ispejjeż tal-kawża għal-liema ġew ikkundannati jbatu terz (1/3) u ma setgħux *jappellaw ukoll fuq il-meritu li minnu huma ġew illiberati;*

Illi bla preġudizzju għall-premess is-sentenza appellata in kwantu tolqot lill-Bank konvenut hija fil-meritu ekwa u ġusta u jistħoqqilha li tiġi kkonfermata għar-raġunijiet hawn taħt imsemmija;

Illi dan l-appell tal-kjamati fil-kawża huwa essenzjalment ibbażat fuq aggravju wieħed, u ċjoè li skond huma n-negozju li kien għamel Moses Tanti, l-awtur ta' l-atturi, fl-edifiċċju tal-Bank stess kien wieħed personali magħhom u mhux mal-Bank konvenut. Huwa għalhekk evidenti li b'dan l-aggravju l-appellanti qegħdin direttament jattakkaw l-apprezzament li l-Ewwel Qorti għamlet tal-provi li nġibu quddiemha;

Illi huwa risaput f'dan ir-rigward li l-funzjoni ta' dina l-Qorti *mhijiex li teżamina l-provi u tissostitwixxi l-*apprezzament tagħha magħmul mill-Ewwel Qorti. Infatti, din il-Qorti fil-funzjoni reviżorja tagħha ma tiddisturbax id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti ħlief f'każijiet pjuttost rari fejn l-Ewwel Qorti tkun evidentement u manifestament waslet għall-konklużjoni żbaljata (ara Appell Ċivili **Francis Scicluna *vs* Kontrollur tad-Dwana**, deċiża 9 ta' Mejju, 1984) u f'din il-kawa odjerna ċertament ma jistax jingħad hekk;

Illi kif ingħad f'dan il-każ ċertament ma jistax jingħad li l-

Ewwel Qorti kienet evidentement u manifestament żbaljata fl-apprezzament tagħha tal-provi mressqa. L-Ewwel Qorti eżaminat ix-xhieda bir-reqqa u kienet gwardinga ħafna kif del resto jixhdu l-istess argumenti żvolti fl-istess sentenza appellata li wassluha għall-konklużjoni li "d-debitu għandu jiġi ddikjarat passiv tal-Bank konvenut nonostante li d-dokumentazzjoni turi mod ieħor u huwa probabbli li l-mejjet Moses Tanti kien fiċ-ċirkostanzi indott mill-konvenut Cecil Pace jaħseb li ċ-ċekk kien dokument li bih huwa baqa' kreditur mal-Bank". Fil-fatt għalkemm għal min jifhem id-dokument A huwa ċekk personali u mhux *bank draft*, però l-Ewwel Qorti rrealizzat li l-kompitù tagħha mhux eżawrit b'din id-distinzjoni elementari, u għalhekk kompliet biex evalwat il-provi prodotti f'din il-kawża biex tistabbilixxi taħt liema ċirkostanzi u eżattament x'kienet it-transazzjoni li saret bejn l-aħwa Pace u l-awtur ta' l-atturi. Oltre dan jiżdied li l-argumenti li qed iġibu l-appellanti f'dan l-appell ma hemm xejn ġdid minn dawk imressqa quddiem l-Ewwel Qorti u li, bir-rispett kollu, jiġġustifikaw lil dina l-Qorti tbiddel is-sentenza appellata;

Illi ma hemmx dubbju li ġie stabbilit mill-provi mressqa li n-negozju li kien għamel il-mejjet Moses Tanti fl-edifiċċju tal-Bank kien effettivament negozju mal-Bank konvenut u dana *inter alia* għar-raġunijiet li ser jissemmew;

Moses Tanti kien ilu jżomm flusu mal-BICAL sa mill-bidunett ta' meta beda jinvesti flusu u kellu ukoll ktieb tal-Bank. Li kellu dan il-ktieb tal-Bank jidher anke ammess fil-paragrafu 17 tal-petizzjoni ta' l-appell tal-kjamati fil-kawża appellanti;

In-negozju kien dejjem isir, anke fiż-żmien tal-ħruġ taċ-ċekk in kwistjoni, fl-uffiċċju tal-BICAL, li kien fi Triq Żakkarija, il-Belt, Valletta. Qabel tidħol ġol-Bank kien hemm

tabella li tgħid BICAL - *Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited*, u meta tidħol issib il-Bank fejn kien hemm *counter* bi skrivan li jaċċetta d-depożiti u żewġt ikmamar fejn ipoġġu ż-żewġ Diretturi tal-Bank;

It-transazzjoni bankarja tal-ħruġ taċ-ċekk in kwistjoni saret fuq il-firma ta' żewġ uffiċjali tal-Bank, Henry u Cecil Pace u kellhom id-dritt li jiffirmaw għall-Bank;

Moses Tanti kien wieħed minn dawk il-persistenti li ried jassigura li flusu qegħdin tajjeb għand il-Bank, anke minħabba l-esperjenzi dispjaċevoli ta' membri tal-familja tiegħu li kienu ingidmu meta falla Bank privat ieħor, dan tal-*Bank of Alderney*. Żgur għalhekk li Moses Tanti ma kienx lest li jinnegozja personalment ma' Cecil u Henry Pace. Cecil Pace kien jafu sewwa l-karattru ta' Moses Tanti u għamel minn kollox biex ma jħallihx jirtira flusu f'Awissu 1972 kif Moses Tanti kien mar biex jagħmel. Ma kienx hemm raġuni għalfejn jirriskja flusu ma' Cecil u Henry Pace personalment meta flusu kienu dejjem marbutin mal-Bank;

Moses Tanti ma kienx jagħmel distinzjoni bejn operazzjoni bankarja u oħra kif ġie anke kkonfermat minn Joseph Tanti stess fix-xhieda tiegħu tad-19 ta' Jannar, 1994. Għal Moses Tanti n-negozju dejjem sar mal-Bank u dejjem innegozja mal-Bank in *buona fede*. Għalih, li ma jifhimx, iċ-ċekk kelli miktub fuqu *Bank of Industry, Commerce & Agriculture Ltd.* u kien ċekk tal-Bank, u kien faċili għal Cecil Pace li jbellagħhielu;

Henry Pace ma kienx preżenti meta saret l-allegata transazzjoni personali għad li fuq iċ-ċekk hemm il-firma tiegħu ukoll. Fil-fatt Henry Pace ffirma biex jagħtu x'jifhem lil Moses tant li ċ-ċekk kien wieħed tal-Bank;

Hemm ukoll ix-xhieda ta' Maria Tanti u ta' Victoria Farrugia li kkorroboraw lil Joseph Tanti partikolarment dwar l-eżistenza tal-kont bankarju. Li l-kjamati ppruvaw jiskreditaw lil Joseph Tanti huwa evidenti fil-paragrafu 25 tal-petizzjoni tagħhom. L-allegati kliem li Cecil Pace jgħid li qallu Joseph Tanti *qed jiġi kategorikament miċħud, ma jirriżultax mill-provi* mressqa u lanqas biss semma xejn l-istess Cecil Pace mela dan tela' jagħti x-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti. Min-naħa l-oħra, ix-xhieda ta' l-Avukat Dottor Emanuel Bonnici LL.D. hija rilevanti ħafna u mportantissima, u l-kliem li Cecil Pace qal lill-Avukat Bonnici fl-inkontru li kellhom ftit ġimgħat qabel ma għalaq il-BICAL "Int qatt ma poġġejt flus magħna" juru bl-aktar mod ċar li n-negozju li għamel Moses Tanti kien wieħed mal-Bank;

Li ġralu Moses Tanti huwa ukoll l-istess bħalma ġralhom Emanuel Grech u Richard Caruana li fil-kawża rispettiva tagħhom, ċjoè **Emanuel Grech *vs* Cecil Pace** (deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-14 ta' Frar, 1985) u **Richard Caruana *vs* Cecil Pace *et*** (deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fid-19 ta' Jannar, 1981) li għalihom qed issir referenza, fejn dawn l-atturi ġew deskritti bħala "vittmi ta' ingann bl-aktar mod fin u sottili". L-esponenti jagħmlu ukoll referenza għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Frar, 1992, mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummerċjali) fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Grech et vs Emanuel Bonello noe***, u anke għas-sentenza mogħtija minn dina l-Qorti tal-Kummerċ fl-14 ta' Ottubru, 1993, fil-kawża fl-ismijiet **Paul Camilleri *et vs* Emanuel Bonello *noe et***, Ċitazzjoni numru *179/93 GMA*. Referenza qed issir ukoll għall-kawżi oħra deċiżi preċedentement u favorevolment għat-teżi ta' l-esponenti, fost oħrajn **Olga Mercieca *vs* Dr. Mifsud Bonnici *noe***, **Anthony Agius *vs* Dr. Mifsud Bonnici *noe***, u **Victor Grech *vs* Dr. Mifsud Bonnici *noe***, (kollha deċiżi Kummerċ 19 ta' Awissu, 1981);

Illi bla preġudizzju għas-suespost l-appellati pprevalixxew ruħhom *mill-appell prinċipali tal-kjamati fil-kawża Cecil u* Henry Pace sabiex jagħmlu appell inċidentali skond l-artikolu 240 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) peress li huma ħassew ruħhom aggravati mid-deċiżjoni appellata u jixtiequ jitolbu r-revoka tagħha in kwantu biss fejn l-Ewwel Qorti ma laqgħetx it-talbiet ta' l-esponenti fil-konfront ukoll tal-kjamati fil-kawża Cecil u Henry Pace;

Illi l-aggravju soffert mill-atturi esponenti huwa ċar u manifest u jikkonsisti filli la darba l-Ewwel Qorti eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha u kkonkludiet korrettement illi l-kjamati fil-kawża pperpetraw qerq fil-konfront ta' Moses Tanti, l-awtur ta' l-atturi, naturalment kellu jsegwi li Cecil u Henry Pace huma obbligati *in solidum* mal-Bank konvenut li jħallsu lill-atturi l-ammont minnhom reklamat. Għaldaqstant il-Qorti tal-Kummerċ kellha ukoll tikkundanna lill-konvenuti kjamati fil-kawża *in solidum* mal-Bank konvenut. Għar-rigwrd tal-preskrizzjoni ssollevata mill-kjamati fil-każa appellanti din mhijiex waħda valida meta Cecil Pace stess irrikonoxxa d-debitu. Huwa stess jgħid li l-flus ingħataw lilu. Min-naħa l-oħra ma ngħabet l-ebda prova li dawn il-flus ingħataw lura kif bil-liġi kien jinkombi fuqhom. F'dan is-sens iddeċidiet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fil-kawża fl-ismijiet **Carmen Abela *et vs* Emanuel Bonello *noe et*** (deċiża 14 ta' Ottubru, 1993). Oltre hekk jiġi rrilevat ukoll illi l-kjamati fil-kawża ma jistgħu qatt jippreskrivu favur tagħhom *in vista li hemm il-qerq*: *fraus omnia corrumpit*;

Għaldaqstant l-appellati atturi talbu li dina l-Qorti jogħġobha:

Tiċħad l-appell prinċipali tal-kjamati fil-kawża Henry u Cecil Pace bl-ispejjeż kontra tagħhom; u

Tirriforma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerċ fis-7 ta' Ottubru, 1994, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u dana billi tikkonfermaha in kwantu laqghet it-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenut Emanuel Bonello *nomine*, u tilqa' ukoll it-talbiet attriċi anke fil-konfront tal-kjamati fil-kawża Henry u Cecil Pace u tikkundannahom *in solidum* mal-Bank konvenut biex iħallsu lill-esponenti l-ammont reklamat bl-imghaxijiet li akkumulaw, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess kjamati fil-kawża appellanti;

Il-konvenut Bonello *nomine* wieġeb li:

Preliminarjament, illi l-garanti offert mill-appellat mhux aċċettat u dan mhux ghax mhux idoneu iżda minħabba l-fatt li huwa avukat u konsegwentement l-esponenti ma jridx li jkollu jesegwixxi sentenza ghall-ispejjeż ta' kawża kontra kollega ta' l-avukat tieghu;

Illi fil-meritu l-konvenut Bonello *nomine* jissottometti li l-Qorti ghandha tkun iggwidata mill-prinċipji tal-ħaqq. L-Ewwel Qorti aċċettat it-teżi attriċi fil-konfront ta' l-esponent, filwaqt li ċaħdithom fil-konfront ta' l-appellant kjamat in kawża. B'dan l-appell il-kjamat in kawża qieghed jitlob li s-sentenza appellata tiġi annullata anke fil-konfront tal-bank. Il-bank, kif rappreżentat mill-esponenti, jissottometti illi kull każ ghandu il-fattispeċje tieghu u konsegwentement ghandu jiġi eżaminat *on its own merits* u f'każ li jirriżulta li l-kjamat in kawża ipperpetwa qerq fil-konfront ta' l-awtur ta' l-atturi allura kemm il-Bank kif ukoll Cecil Pace ghandhom jiġu kkundannati li jħallsu lill-atturi dak minnhom reklamat. Il-kjamat in kawża ma jista' qatt jippreskrivi favur tieghu in vista li hemm il-qerq u *fraus omnia corrumpit*. Jekk jirriżulta li ma kienx hemm qerq, allura l-operazzjoni kummerċjali in kwistjoni kienet biss mal-kjamat in kawża Cecil Pace u l-Bank ghandu jiġi meħlus mill-

obbligi li qed jiġu lilu mposti;

Jekk l-attur jirnexxilux jew le jipprova li l-kreditu tiegħu huwa passiv mal-Bank, l-esponenti jirrimetti ruħu għall-ġudizzju għaqli u superjuri ta' din il-Qorti. Jekk hu passiv mal-Bank irid ikun neċessrjament passiv ukoll mal-kjamat in kawża Cecil Pace;

Għal dawn il-motivi it-talbiet attriċi jekk huma sostenibbli u għandhom jiġu milqugħa fil-konfront tal-konvenut *nomine* appellat għandhom bl-istess mod jiġu akkollti kontra Cecil u *Henry Pace personalment, jistgħu jiġu miċħuda vis a vis il-Bank* u akkolti kontra Cecil Pace, jistgħu finalment jiġu miċħuda kontra kemm il-Bank kif ukoll Cecil Pace;

Illi l-konvenut Bonello *nomine* jagħmel referenza għar-riżultanzi tal-proċess u jirrimetti ruħu għas-savju ġudizzju ta' din il-Qorti in kwantu jirrigwarda l-appell inċidentali ta' l-atturi;

*Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-*trattazzjoni ta' dan l-appell, sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

Illi jibda biex jiġi rrilevat li minn punto di vista ta' dritt il-posizzjoni ġuridika llum f'din il-kawża hija li:

Sar appell mill-kjamati in kawża fil-meritu in kwantu huma għadhom jirritjenu li t-transazzjoni *de quo* ma kienet qatt bejn *il-Bank konvenut BICAL u l-appellati atturi imma* bejniethom i.e. l-aħwa Cecil u Henry Pace *proprio* min-naħa l-waħda u l-awtur ta' l-appellat Moses Tanti min-naħa l-oħra, u li kwantu għall-kap ta' l-ispejjeż, ġaladarba l-eċċezzjonijiet tagħhom ma ġewx ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti u kien il-

BICAL li ġie tenut unikament responsabbli di fronte l-attur u mhux huma allura ma kellux isegwi li huma jiġu kkundannati biex jissoportu terz mill-kap ta' l-ispejjeż;

Sar appell inċidentali mill-atturi in kwantu dawn min-naħa tagħhom jirritjenu li minbarra l-konvenut Bonello *nomine* in rappreżentanza tal-*Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited* (BICAL) kellhom jinstabu ko-responsabbli ukoll l-aħwa Cecil u Henry Pace *proprio* u għandha ssir riforma fis-sentenza appellata u f'dan is-sens;

Ma sarx appell da parti tal-konvenut Bonello *nomine*, però dan wieġeb li jekk, kif fil-fatt qiegħda tiġi adita din il-Qorti, il-każ ser jiġi kkunsidrat kollu mill-ġdid, allura s-sentenza appellata għandha tiġi riformata billi minflok il-Bank konvenut, għandhom jiġu misjubin unikament responsabbli l-aħwa Pace *proprio*;

Fi kliem ieħor id-diversi sottomissjonijiet li saru u t-talbiet magħmulha mill-kontendenti għall-fini ta' dan l-appell jistgħu lkoll twasslu għal konklużjoni jew deċiżjoni diversa minn kif ġiet mogħtija s-sentenza appellata;

Din il-Qorti eżaminat mill-ġdid il-provi kollha li ġew prodotti u s-sottomissjonijiet estensivi li saru mill-kontendenti in kawża u fil-fehma kkunsidrata tagħha huwa l-każ fejn għandu jintlaqa' l-appell inċidentali magħmul mill-atturi biex ikun hemm riforma fis-sentenza appellata, biċ-ċaħda kwindi ta' l-*appell prinċipali ntavolat mill-kjamati in kawża u dana għar-*raġunijiet segwenti:

Illi fis-sottomissjonijiet magħmulin mill-aħwa Cecil u Henry Pace *proprio* hemm quddiem l-Ewwel Qorti u l-provi li ressqu hemmhekk kif ukoll mis-sottomissjonijiet tagħhom li

ressqu quddiem din il-Qorti jemerġi biċ-ċar l-involviment dirett u personali tagħhom biex bl-akkont li kien investit oriġinarjament mal-BICAL da parti tad-depożitant Moses Tanti, awtur ta' l-atturi, ma jibqax jidher fuq ktieb ta' l-istess Bank konvenut bħala akkont ta' depożitu imma minflok jinħareġ ċekk li fih ġew inklużi mill-ewwel l-interessi li kienu ġew miftehma minn qabel kalkolati fuq rata ta' nteressi ta' tmienja fil-mija (85) *per annum*, li kienet tirrappreżenta rata ta' nteressi ogħla minn dak konsentita u permessa mil-liġi bankarja tal-pajjiż;

Id-diverġenza ewlenija u fondamentali bejn il-kontendenti *hija jekk din it-transazzjoni ta' qlib minn kiteb għal fuq ċekk* kinitx ukoll tfisser - kif isostnu l-appellanti Pace - li kienet seħħet transazzjoni bejn id-depożitant Tanti u l-aħwa Pace *proprio* ad esklużjoni tal-Bank konvenut, fis-sens li b'din l-istess operazzjoni il-Bank inħareġ għal kollox mix-xena u floku daħħlu l-kjamati in kawża. Jirriżulta li d-depożitant fil-fatt oriġinarjament kellu flusu mal-BICAL u li, attirat mill-prospett li jipperċepixxu rata ta' nteressi ogħla, ġie mħajjar u ndott biex flok ktieb tal-bank jieħu f'idejh ċekk kif fuq intqal. Jirriżulta b'mod mill-iżjed evidenti li dan l-operat seħħ bl-intervent dirett ta' l-aħwa Cecil u Henry Pace b'mod partikolari Cecil Pace u dan ukoll sar almenu in parte fl-istabbiliment tal-BICAL stess fejn oriġinarjament kienu nvestiti u ddepożitati l-flus ta' Moses Tanti. Cecil Pace, permezz tal-legali tiegħu, ssottometta li ċ-ċekk maħruġ lid-depożitant kien juri b'mod ċar li non si trattava ta' *bank draft* jew ċedola tal-BICAL. Bir-rispett kollu, tali fatt mhuwiex daqstant evidenti kif iridu jagħtu x'jifhmu l-appellanti Pace. Minbarra li d-dokument de quo - ara dok. A a fol. 5 tal-proċess hawn si tratta ta' ċekk sempliċi maħruġ mill-BICAL li fuqu hemm kemm il-firma ta' Cecil Pace u dik ta' Henry Pace, it-tnejn diretturi ewlenin tal-BICAL. Ma hemm proprju xejn x'jindika ħlief il-firem imsemmija u naturalment in-numru ta' l-akkont li dan ma kienx *bank draft*. Henry Pace ma daħalx fit-trattativi hekk imsejħa "personali" bejnu u bejn ħuh mad-

depożitant. X'kien hemm għalfejn li huwa jidħol ukoll bħala firmatarju? Min-numru ta' l-akkont waħdu d-depożitant ma jkunx f'posizzjoni li jkun jaf li dan l-akkont ikun jappartjeni lil xi ħadd partikolari jekk ma jagħmilx verifika speċifika. Fil-fehma tal-Qorti, l-involviment ta' Henry Pace kien proprju intiż biex id-depożitant jibqa' fl-għama dwar in-natura ta' l-operazzjoni li saret. Jiġi rrilevat li mill-provi jirriżulta li f'aktar minn okkażjoni waħda d-depożitant wera ċertu ammont ta' "biżgħa" u dubbju dwar jekk għandux jistrieħ fuq sempliċi ċekk minflok ktieb regolari bankarju. F'okkażjoni minnhom ħa miegħu avukat biex jassistih. Min-naħa l-oħra, Cecil Pace ra kif għamel biex ikompli jsaħħaħ il-fehma tad-depożitant li dan ma kellux għalfejn jinkwieta billi l-assi tal-BICAL, u mhux tiegħu personali, kienu diġà laħqu ma' l-għaxar miljun lira. Skond Moses Tanti u l-avukat Emanuel Bonnici, li mar biex jassistih, l-imsemmi Cecil Pace sa ħajjar lill-Avukat Bonnici biex hu ukoll jiddepożita flusu mal-Bank u jibda jieħu nteressi tajbin ukoll. Ġustament l-Ewwel Qorti kkonkludiet li:

"Nonostante li d-dokumentazzjoni turi mod ieħor u huwa probabbli li l-mejjet Moses Tanti kien, fiċ-ċirkostanzi, indott mill-konvenut Cecil Pace jaħseb li ċ-ċekk kien dokument li bih huwa baqa' kreditur tal-Bank";

Fejn invece ma taqbilx din il-Qorti mas-sentenza appellata hija f'dik il-parti fejn l-istess Qorti tal-Kummerċ eżonerat għal kollox il-kjamati in kawża kwantu għall-responsabbilità tagħhom f'dina l-operazzjoni, iddeklinat milli tindaga ulterjorment l-eċċezzjonijiet tagħhom u spiċċat imbagħad biex akkollat terz tal-kapo spese fuq l-imsemmija kjamati fil-kawża;

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, il-mod kif ġiet kondotta l-operazjoni kollha ta' qlib ta' depożitu minn akkont muri fi ktieb bankarju għal ieħor f'forma ta' ċekk anness fuq l-

intestatura ta' l-istess bank, jiġifieri l-BICAL, bl-interessi ġà nklużi u magħduda minn qabel mal-kapital kien jevidenzja aġir sottili ta' ngann da parti tal-kjamati in kawża. M'hemmx mod ieħor kif wieħed jiddeskrivi l-aġir ta' l-aħwa Pace fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Dan proprju ftit żmien qabel ma l-imsemmi Bank waqaf milli jopera aktar. Ingann li hu relatat mhux l-aktar man-natura ta' l-operazzjoni bankarja li tagħha l-atturi kienu, jew kellhom ikunu konsapevoli u fil-fatt kienu konsenzjenti għaliha, imma li joħroġ miċ-ċirkostanza li l-kjamati fil-kawża ma setax ma kinux jafu bil-prekarjetà tal-posizzjoni finanzjarja tal-Bank minnhom amministrat u ciononostante pproċedew bin-negozju. L-atturi, għall-kuntrarju, ma kinux jafu b'dawn il-fatti negattivi u l-kjamati fil-kawża ħbewlhom u li kieku kienu jafu bihom ma kinux jikkonkludu n-negozji meritu tal-kawża. L-istess Qorti tal-Kummerċ, wara li ppronunzjat ruħha fis-sens li għandu jinżamm responsabbli l-konvenut Emanuel Bonello *nomine* in rappreżentanza tal-BICAL, dehrilha li ma kellhiex teżonera ukoll għal kollox lill-kjamati in kawża milli jħallsu almenu parti mill-kap ta' l-ispejjeż, avolja hija ma kienet ikkunsidrat xejn dwar l-eċċezzjonijiet diversi li ġew issollevati minnhom, fosthom dik tal-preskrizzjoni kwinkwennali u spiċċat biex ikkundannathom iħallsu terz mill-kapo spese. Illi in ġustifikazzjoni għal dina l-ispartizzjoni ta' l-ispejjeż ġudizzjarji dik il-Qorti wara li kkummentat illi:

"Hija l-fehma li l-kontestazzjoni tal-Kontrollur ma kinitx vessatorja, anzi a bażi tad-dokumentazzjoni, kienet ġustifikata billi kien hemm bżonn li l-vertenza tiġi definita bil-pronunzjament ġudizzjarju";

Kompliet imbagħad biex tikkontendi li:

"Il-kjamati fil-kawża huma responsabbli *in parte* jekk

mhux għal kollox għall-posizzjoni nċerta ta' l-atturi li *rrikjdiet* li tiġi adita l-Qorti għas-soluzzjoni tal-vertenza";

Mill-provi jirriżulta b'mod suffiċjenti li kull meta d-depożitant Moses Tanti wera ruħu inċert u dubbjuż dwar x'kien l-aħjar mod kif hu għandu jinvesti flusu, ingħata akkont lilu *assikurazzjoni* da parti ta' Cecil Pace mhux a bażi ta' assi li l-aħwa Pace setta' kellhom huma personalment imma a bażi ta' l-assi u kapital li suppost kellu l-BICAL, Bank operat u ġestit minnhom stess bħala diretturi ewlenin u azzjonisti *maġġuri* tiegħu. Dan kollu jwassal għall-konvinċiment mhux biss morali imma anke legali li l-kjamati in kawża għandhom jinżammu ko-responsabbli personalment, it-tnejn li huma, di fronte l-atturi, flimkien *jiġifieri* mal-konvenut Bonello *nomine*. Stabbilit dan il-*fatt* u wara li jiġi mtenni li fiċ-ċirkostanzi l-aġir ta' l-imsemmija *kjamati* fil-kawża għandu jitqies bħala wieħed ta' natura frawdolenti, allura għandu jsegwi ukoll li l-ebda preskrizzjoni tax-xorta ndikata mill-aħwa Pace m'hija applikabbli fuq l-iskorta tal-prinċipju li *fraus omnia corrumpit*, fis-sens li mill-ingann u mill-illeċitu ma jitnissel ebda fondament ta' dritt kif ġie eċċepit minnhom;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi, filwaqt li tiċħad l-appell prinċipali ntavolat mill-kjamati in kawża Cecil u Henry, aħwa Pace, tilqa' l-appell inċidentali ntavolat mill-atturi u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija fis-7 ta' Ottubru, 1994 fil-kawża fl-ismijiet premessi in kwantu laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenut Emanuel Bonello *nomine*, u tilqa' ukoll it-talbiet attriċi anke fil-konfront tal-kjamati fil-kawża Cecil u Henry, aħwa Pace, personalment u tikkundannahom għalhekk *in solidum* mal-Bank konvenut kif rappreżentat biex iħallsu lill-attur l-ammont minnhom reklamat flimkien ma' l-interessi kif

deċiż mill-Ewwel Qorti b'dan li kwantu għall-kap ta' l-ispejjeż dawk riferibbli għall-ewwel sentenza jkun a kariku tal-konvenut Bonello *nomine* u tal-kjamati in kawża *in solidum* bejniethom, filwaqt li dawk l-ispejjeż ġudizzjarji relattivi għal dan l-appell jitħallsu nterament u unikament mill-imsemmija kjamati fil-kawża Cecil u Henry Pace.